TARXIEN
Local Council

**Id-Disa' Leġislatura**

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - **Nru 19/2025**

Data: L-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2025

Ħin: 19:00

Bdiet: 19:00

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sur Dasier Damato | Kunsillier | Skużat |
| Is-Sa. Nicole Farrugia | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sur Glenn Gerald Urry | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

TARXIEN
Local Council

**19.1 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nru 18**

19.1.1 Is-Sindku ppreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu.18 hekk kif mibgħutha mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sa. Nicole Farrugia, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

**19.2 Preżentazzjoni u approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu 17**

19.2.1Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sa, Nicole Farrugia u s-Sa. Darlene Vella ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-20 t' Ottubru 2025 u d-19 ta' Novembru 2025 li kienet tammonta għal €66,768.06

**19.3 Punti maħruġa mill-Minuti Laqgħa Nru 18**

| | |
|---|---|
| **19.3.1 Ground 5-a-side** | Is-Sindku semma sabiex insibu opportunitajiet sabiex nirriklamaw is-servizz tal-grawnd. Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li rċievew riklam ta' website li jistgħu jidħlu l-bookings. Is-Segretarja nfurmat li minkejja li dan jaf ikun riklam tajjeb xorta wieħed irid jikkalkula l-persentaġġ ta' booking fee li jieħdu għax din trid tiġi nkluża mal-ispejjeż tal-operat tal-grawnd. |
| **19.3.2 Rivista Kunsill Lokali Tarxien** | Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li s-Segretarju Eżekuttiv tkellmet mal-MaltaPost fejn kienet intbagħtet komunikazzjoni li mhux kull residenza qed tintleħaq. Is-Sa. Nicole Farrugia semmiet li wara li titqassam din ir-revista kull ilment relatat għandu jiġi rekordjat sabiex lill-MaltaPost inkunu nistgħu ngħaddulu lista ta' toroq dettaljata. |
| **19.3.3 Framework Agreement – Public Works Department** | Is-Sindku semma li l-proġett ma bediex f'Ottubru kif kien maqbul li jibda. Dan għaliex jidher li kien hemm xi problema bejn min ser jiffirma għax-xogħolijiet. Is-Sindku talab li jkun hemm tfakkira sabiex issir laqgħa. |

TARXIEN
Local Council

| | |
|---|---|
| **19.3.4 Statwa Vjal Simons** | Is-Sindku li l-istatwa waslet u kienu qed jinġabru l-kwotazzjonijiet għall-pedestal. Semma wkoll li l-bust ta' Mark Farrugia ser jinbeda wkoll. |
| **19.3.5 Attivitajiet Sportivi u Fiżiċi** | Is-Sindku fakkar li s-Sur Dasier Damato kellu jiċċekkja r-renti tas-swali fil-viċin. Semma li kellu jiċċekkja wkoll is-Sala tal-Agostinjani. Semmew li jekk ser jitħallas l-instructor u s-sala ma tkunx vijabbli. |
| **19.3.6 Kurunell Mass** | Is-Sindku semma li x-xogħol sar u l-bandli lest. Semma li sar ukoll it-tiżjien tal-Milied f'kull ġnien sabiex ikun hemm atmosfera. Semma li huwa tal-idea li nġibu kwotazzjoni biex il-bozzoz dekorattivi fil-bandli jsiru wkoll minn Mejju sa Settembru. |
| **19.3.7 Ismijiet ta' toroq** | Is-Sindku semma li wara li kienet approvata t-triq għal Renzo Gauci, wara li kien hemm l-iskema tal-Għaqdiet iffinanzjata mill-Aġenzija LESA jidher li fadal xi fondi u l-Kunsill talab lill-Ministru kkonċernat sabiex minn dawk il-fondi jsir il-bust ta' Renzo Gauci. Semma li l-Ministru approva din it-talba u huwa lest li jiffinanzja l-bust kollu. Ix-xogħol ser isir mill-Kunsill imma l-Kunsill mhux ser jiffinanzja l-ebda bust. L-artist ser jagħżlu l-Kunsill. |
| **19.3.8 Intervisti għal Segretarju Eżekuttiv** | Is-Sindku qal li din għadha pendenti. Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li ladarba tidħol il-lista tal-applikanti tgħaddija għall-attenzjoni tal-Kunsill. |
| **19.3.9 Pjazza** | Is-Sindku semma li x-xogħol miexi sew. |

TARXIEN
Local Council

| | |
|---|---|
| **19.3.10 Vjal Kulħadd** | Semma wkoll li beda x-xogħol fi Triq San Tumas taħt l-iskema ta' Vjal Kulħadd. Semma li jidher li hemm xi kummenti fuq il-midja soċjali li jirrigwardjaw xogħol f'art privata. Semma li jfakkar li l-Kunsill ma jistax jidħol f'artijiet privati |
| **19.3.11 Proġett LESA** | Is-Sindku semma li dan il-proġett mistenni jibda s-sena d-dieħla. Talab li l-Perita għandha tgħaddi il-BoQ sabiex f'Jannar trid toħroġ is-sejħa. |
| **19.3.12 Ċelebrazzjonijiet tal-Milied** | Is-Sindku semma li ser isiru l-attivitajiet tal-Milied. Semma li ser issir il-Mixgħela tal-Milied, kunċert mill-Banda tal-Pulizija ġewwa l-Knisja kif ukoll il-Parata tat-tfal. |
| **19.3.13 Festin tal-Anzjani** | Is-Sindku semma li d-data tal-festin inbidlet għas-26 ta' Diċembru filgħaxija u ser issir fis-sala tal-Każin. |
| **19.3.14 Festin ta' tfal** | Is-Sindku semma li sa issa għad m'hemmx informazzjoni. |
| **19.3.15 Triq Sqajjaq – Belisha Lights** | Is-Sindku semma li l-problema li kien hemm biex jgħaddi d-dawl għal Belisha Light jidher li ser tissolva mill-Enemalta wara li mar magħhom fuq il-post. |
| **19.3.16 Tabelli ta' No Parking għall-Filming** | Is-Sindku semma li l-persuna tkellmet bit-telephone mas-Segretarju Eżekuttiv. Semmiet li din il-persuna fehmet li kienet problema kbira li tostakola dawk il-parkeġġi kollha anki għall-fatt li kienu għaddejjin xogħolijiet fil-pjazza. Semmiet li kienu ser jerġgħu jikkunsidraw it-talba tagħhom. |

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**

**19.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

19.4.1 Is-Sindku semma li qed jattendu xi studenti mill-MCAST sabiex jagħmlu placements ta' 20 siegħa b'xogħol volontarju mal-Kunsill Lokali.

19.4.2 Is-Sindku semma li s-sena d-dieħla r-Reġjun Port ser ikun qed jiċċelebra t-titlu tar-Reġjun Kulturali. Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li nhar il-Ħadd 11 ta' Jannar ser ikun hemm il-ftuħ uffiċjali. Semmiet li ser ikun hemm attivita' fil-komunita' bil-parteċipazzjoni tal-baned tal-lokal. Semmiet li r-Reġjun ser ikun qed jiffinanzja €1,000 fejn hemm banda waħda u €1,200 fejn hemm żewġ baned. Semmiet li l-banda m'hemmx għalfejn idoqq banda sħiħa. Is-Sindku propona li kif nagħmlu għat-tberik tal-annimali noħorġu €800, idoqqu ż-żewġ baned flimkien u jingħaqdu quddiem il-Monument tal-Gwerra u għal din is-sena biss idoqqu l-Iscouts għal Festa tat-tberik tal-annimali.

19.4.3 Is-Sindku semma li għall-Festin tal-Anzjani ser tingħata tifkira żgħira tal-Milied. Propona li jingħata wkoll mug tal-Milied lir-residenti li jinstabu fid-dar tal-anzjani. Semma li qed jipproponi li jinżel iqassamhom fil-Milied filgħodu.

19.4.4 Is-Sindku semma li nħareġ il-permess biex tinqala' s-siġra mejta minn Kurunell Mass.

19.4.5 Is-Sindku semma li kienet saret laqgħa kordjali snin ilu mal-Għaqdiet tal-Armar sabiex kull għaqda tikkontribwixxi billi jarmaw madwar 6 u 10 arbli kull għaqda. Kien hemm qbil unanimu li l-ebda għaqda ma titħallas għal dan is-servizz. Din id-deċiżjoni qed tiġi ratifikata peress li diġa ttieħdet din id-deċiżjoni permezz ta' komunikazzjoni peress li l-għaqda tal-Armar tal-Festa talbet kumpens għal dan is-servizz.

19.4.6 Is-Sindku għadda komunikazzjoni lis-Sur Neil Portelli fuq Triq Guzeppi Montebello. Dan sabiex isir traffic management plan tal-area. Is-Sa. Anabelle Marmara staqsiet fuq zebra crossing viċin roundabout kif ukoll is-Sa. Darlene Vella semmiet z-zebra crossing viċin Kurunell Mass li huma ta' periklu għax qegħdin fid-dawra.

TARXIEN
Local Council

19.4.7 Is-Sindku semma li nġabret kwotazzjoni sabiex tiġi restawrata l-funtana ta' Ġnien Ovindoli semma li nġabet kwotazzjoni ta' espert li jaħdem fuq il-funtani u l-kwotazzjoni fuq xogħol tal-funtana u d-dawl kienet stmata madwar €26,000. Semmew li dawn ser jibbenfikaw mill-Planning Fund. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li biex jibbenefikaw mill-Planning Fund hemm ħafna xogħol tal-Perit li jridu jitlestew mal-Planning Fund. Semmew li jrid jinstab perit sabiex jaħdem fuq l-art. Is-Sur Neil Portelli semma li ser ikellem lill-Planning Fund.

19.4.8 Is-Sindku semma li qed ikun hemm ħafna talbiet mill-anzjani sabiex jitwasslu bil-van għaċ-Ċentru tas-Saħħa Ċensu Moran. Semma li hemm ħaddiem li bħal issa qed jaħdem fuq barra u minħabba raġunijiet ta' saħħa qed ikun propost li filgħodu jsiru mill-ħaddiem assenjat li hemm bħalissa filwaqt li wara nofsinhar ikun hemm servizz ieħor ħalli r-residenti jibqgħu jinqdew bis-servizz. Is-Sa. Anabelle Marmara semmiet li hemm problema żgħira li shuttle service ta' transport pubbliku mhux jieqaf fuq il-Bus Stop ta' Triq il-Knisja. Kien hemm ukoll diskussjoni jekk is-servizz għandux jiġi estiż għas-servizz għal San Vinċenz. Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li wara laqgħa li attendiet mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali kien diskuss li ser ikun hemm proġett fejn ser jitqassmu vetturi elettriċi lill-Kunsilli Lokali nteressati, fejn l-ewwel sentejn ser ikunu anki mogħtija s-servizz tax-xuffiera. Semmiet li din taf tkun opportunita' sabiex il-Kunsill ikollu t-tieni vann.

19.4.9 Is-Sindku semma li s-servizz tat-tilqima tal-influwenza kien ingħata b'suċċess. Semma li l-Kunsill kien ħallas s-servizz ta' nurse sabiex tkun amministrata t-tilqima.

19.4.10 Is-Sindku semma li performance bonus tal-ħaddiema tal-CWSF kien għola, semma li €450 għal €668. Minnkejja dan kien hemm qbil li dawn jitħalsu.

19.4.11 Is-Sindku semma li Triq Xintill kien qed isir xogħol mill-privat li saret toqba kbira fit-triq u qed imur fil-garaxxijiet ta' taħt it-triq. Semma li minkejja li mar ikellem kemm-

il darba lir-resident din qaltlu li kellha problema bil-Perit. Talab li ser tinġieb stima sabiex tingħalaq it-toqba kif ukoll jinfetaħ il-kanal tal-ilma. Is-Sur Neil Portelli staqsa jekk tistax issir mill-ħaddiema tal-Kunsill. Is-Segreatrju Eżekuttiv staqsiet jekk il-Kunsill kellux il-garanzija miżmuma ta' dan il-każ. Is-Sindku qal li din ilha li seħħet 6 xhur ilu.

19.4.12 Is-Sur Neil Portelli semma li kellmu resident viċin Joanne Gardens li qed jidħollu ħafna ilma. Talab li tinqala' l-bankina u jsir il-membrane hu personali u terġgħa tingħalaq il-bankina. Semma li qed jidħollu ħafna ilma u dan ikollu t-tfal għal-lezzjonijiet u qed ikollu anki ħsarat estensivi fis-soqfa. Kien hemm qbil li tinġabar il-kwotazzjoni.

19.4.13 Is-Sindku semma li post vakant fi skala 16 internament m'applika ħadd u issa għaddiet għand il-Jobsplus.

19.4.14 Is-Sindku semma li s-Segretarju Eżekuttiv preparat Memo interna minħabba ħinijiet tal-ftuħ tal-uffiċċju Amministrattiv. Kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti u għaldaqstant, is-Segretarju Eżekuttiv kellu jikkomunika mal-ħaddiema. Kopja annessa u mmarkata Dok A.

19.4.15 Is-Sa. Nicole Farrugia talbet li l-laqgħa tgħaddi għal stadju tal-kumitat sabiex ikunu diskussi n-nomini ta' apprezzament lejn persuni li ħadmu b'risq il-lokal u li kienu ser ikunu rikonoxxuti nhar il-Ġimgħa 5 ta' Diċembru 2025. Fuq proposta tas-Sa. Nicole Farrugia ssekondata mis-Sur Neil Portelli kien hemm qbil li l-laqgħa tmur għal stadju ta' kumitat u li jitolbu lis-Sindku sabiex ikun skużat mill-kamra.

19.4.16 Wara li l-kunsill iddiskuta nternament in-nominazzjonijiet kien hemm qbil fuq kif wieħed ser jipproċedi u l-laqgħa kompliet u s-Sindku reġgħa' kien mistieden fil-kamra tal-laqgħa.

TARXIEN
Local Council

19.4.17 Kien hemm diskussjoni u qbil li l-AGM tal-Kunsill issir f'Jannar.

19.5 **Aġġornament**

19.5.1 Il-Laqgħa ntemmet fid-disgħa ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tlieta, 16 ta' Diċembru fil-17:00 fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

**Joseph Abela Galea**

**Sindku**

**Lianne Cassar**

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Doc A.

TARXIEN
Local Council

**MEMO INTERN 01/2025**

**Minn:** Segretarju Eżekuttiv
**Lil:** L-Impjegati tal-Kunsill
**Suġġett:** Ħinijiet tax-Xogħol – Skeda Uffiċjali
**Data:** 19 ta' Novembru 2025

Għeżież kollegi,

Dan il-memo qed jintbagħat biex infakkarkom dwar il-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol u l-parametri li għandhom jiġu osservati mill-impjegati klerikali tal-Kunsill Lokali ta' Tarxien.

**1. Ħinijiet tax-Xogħol Standard**

L-impjegati klerikali jaħdmu **medja ta' erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa**, mifruxa bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa.

Skond il-Ftehim Kollettiv għall-ħaddiema klerikali, il-ħinijiet tax-xogħol għandhom ikunu **fi ħdan dawn il-parametri**:

- Matul is-sena kollha (ħlief Awwissu): mhux qabel is-**7:00 a.m.** u mhux wara l-**5:30 p.m.**
- Fix-xahar ta' **Awwissu**, l-impjegati għandhom jaħdmu **medja ta' sitt (6) sigħat kuljum.**

Wara sitt (6) sigħat xogħol, għandu jitqies **break ta' 15-il minuta (mhux imħallas)**, anki jekk il-ħaddiema jkunu qed jaħdmu bin-nofs in-nhar. Dan sabiex ikun hemm **konformità mad-Direttiva Ewropea dwar il-ħinijiet tax-xogħol.**

Il-ħinijiet eżatti għandhom jiġu determinati mis-Segretarju Eżekuttiv wara konsultazzjoni mal-Kunsill. Għaldaqstant ġew approvati dawn il-ħinijiet:

- Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru – 7:00am sa 15:30 (30-il minuta break mhux imħallas)

JEW

- Mill-1t' Ottubru sal-15 ta' Ġunju mis-7:30am sa 16:45 (30 minuta break mhux imħallas)
- Mis-16 ta' Ġunju sa 30 ta' Settembru mis-7:30am sa 13:30

Kull ħaddiem huwa mistenni li jieħu l-break tiegħu idealment f' ħinijiet differenti minn xulxin u bi qbil bejn il-kollegi rigward il-ħinijiet. F' każ ta' diffikulta' dan għandu jiġi mitkellem mas-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiġi determinat ħin tal-break.

**2. Ftehim dwar Ħinijiet Estiżi**

Il-Management, flimkien mal-impjegati, jistgħu jaslu għal **ftehim volontarju** li jippermetti li l-erbgħin siegħa ta' xogħol fil-ġimgħa jkunu **mifruxa bejn it-Tnejn u s-Sibt**, dejjem skont il-parametri legali u wara ftehim bil-miktub.

TARXIEN
Local Council

**3. Ftuħ tal-Uffiċni s-Sibtijiet**

Is-Sibtijiet għandhom jittieħdu b' roster sabiex tal-inqas persuna waħda tkun preżenti u jsir xogħol biss relatat ma' permessi, ħlasijiet għeluq tal-cash tal-ġurnata. Il-ħinijiet tal-ftuħ tas-Sibtijiet għandu jkun bejn is-7:30am u Nofsinhar.

Il-Kunsill jista' japprova li jkun hemm sa massimu ta' żewġ impjegati li jiħdlu jaħdmu s-Sibtijiet flimkien.

**4. Ftuħ tal-Ufficini għar-residenti**

**L-uffiċju għar-residenti għandu jiftaħ mit-Tnejn sal-Ġimgħa**

- mis-8:00am sa 14:00

**L-uffiċju għar-residenti kull nhar ta' Sibt għandu jiftaħ:**

- mis-7:30am sal-11:00am

**Kull ħaddiem klerikali għandu jibgħat bil-miktub lis-Segretarju Eżekuttiv kif ser ikun qed jiddeċiedi li jaħdem sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara li din l-memo tkun iċċirkulata.**

**Dawn it-tibdiliet japplokaw mill-1 ta' Jannar 2026.**

Grazzi tal-koperazzjoni tagħkom.

Tislijiet,
**Lianne Cassar**

**Deputat Segreatrju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali Tarxien** 73, Triq Santa Marija Tarxien TXN 1704 Malta
Telephone **+356 2166 6777 | 2166 6688** Email **tarxien.lc@gov.mt**